# Il-Ħadd 14.06.2020

1. Illum 14/06, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Corpus Christi**:

- Ġw 6, 51: Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema; jekk xi ħadd jiekolu jgħix għal dejjem.

*Fuljett bil-Liturġija:* https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1137_Corpus.pdf

- **QARI I** - Dewt 8, 2-3.14b-16a: Temgħek il-manna li la int u lanqas missirijietek ma kontu tafu biha.
- **SALM RESP.** - Salm 146 (147), 12-13.14-15.19-20: Sebbaħ, Ġerusalemm, lill-Mulej.
- **QARI II** - 1 Kor 10, 16-17: La l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed.
- **EVANĠELJU SKONT S. ĠWANN** - Ġw 6,51-58: Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb.

- **Jerġa' jibda l-Quddies miftuħ għall-Pubbliku, biss b'rispett sħiħ lejn il-miżuri ta' prevenzjoni minħabba l-COVID-19**. Nimxu ma' dak li qed niġu mitlubin nagħmlu biex nuru li aħna nafu nirrispettaw u nibżgħu għal xulxin. Grazzi lil min għen biex il-knisja tinfetaħ nadifa, armata, u organizzata.
- Il-Quddies ser jibqa' **fil-ħin** tas-soltu, **jiġifieri**:
  - **Ħadd u Festi** **AM: 6:45am, 9:00am; PM: 6:00pm**
  - **Mit-Tnejn sas-Sibt** **AM: 7:30am; PM: 6:30pm**

**N.B.** Xorta tistgħu tibqgħu ssegwu x-xandiriet tal-Quddiesa mill-Kappella tal-Kurja fuq TVM2, www.knisja.mt, www.Quddies.com.mt, u Newsbook.com.mt kif indikat:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Fid-9:30am - Quddiesa u Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija;
  Fil-5:30pm - Rep. tal-Quddiesa u Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
- Is-Sibt: Fis-6:30pm - Quddiesa minn ta' Pinu, Għawdex Fis-7:00pm - Quddiesa għaż-Żgħażagħ
- Il-Ħadd: Fid-9:30am - Quddiesa bil-Malti Fis-6:30pm - Quddiesa bl-Ingliż

2. Għal din is-sena il-Jiem tal-Kwaranturi ser jsiru f'din il-forma ta' **Ġimgħa Ewkaristika**:-

- Illum14/06, Ġesù Sagramentat ikun espost fil-Knisja għall-adorazzjoni personali tagħna:
  AM: mill-9:45am sal-10:30am
  PM: Wara l-Quddiesa tas-6:00pm – Espożizzjoni u Barka Sagramentali.
- Mit-Tnejn 15/06 sas-Sibt 20/06,
  b'Ġesù Sagramentat espost fil-Knisja għall-adorazzjoni tagħna wara l-quddiesa:
  AM: bejn 8:00am u 9:00am; PM: bejn 7:00pm u 7:30pm,
- Il-Ħadd 21/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù - *Jum il-Missier***,
  b'Ġesù Sagramentat espost fil-Knisja Parrokkjali għall-adorazzjoni tagħna:
  AM: bejn 9:45am u 10:30am; PM: bejn 5:15pm u 6:00pm.
  PM: Wara l-Quddiesa tas-6:00pm – Purċissjoni qasira li tagħlaq
  bl-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù w l-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier.

- Mt. 11,29: Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għax jiena ta' qalb ħelwa u umli.
- **QARI I** - Dewt 7, 6-11: Il-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom.
- **SALM RESP.** - Salm 102 (103), 1-2.3-4.6-7.8.10: It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem
- **QARI II** - 1 Ġw 4, 7-16: Alla ħabbna qabel ħabbejnieh aħna.
- **EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW** - Mt. 11,25-30: Jiena ta' qalb ħelwa u umli.

Infakkar li **l-Knisja ta' Santa Marija** baqgħet tkun miftuħa:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa biss AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

3. B'rabta' ma' Jum il-Missier (21/06), u l-quddiesa li ssoltu niċċelebraw fiċ-Ċimiterju, rajna li fid-dawl taċ-ċirkustanzi għadu mhux għaqli nagħmluha. Biss infakkar li ċ-Ċimiterju xorta jiftaħ mit-8:00am sal-5:00pm biex tkunu tistgħu tinviżtaw il-fdalijiet tal-għeżież tagħkom.

**P.T.O. =>**

4. Avviżi oħra:
   - **Dwar il-Ġbir tad-dettalji tal-Magħmudija:**
     Nitlob lil dawk il-ġenituri li għandhom tarbija għall-Magħmudija biex jagħmlu kuntatt mal-Kappillan fuq:- Mobile Personali:- **79604561** jew Telefon Uffiċċju Parrokkjali:- **21649223** jew Email:- **parrocca.safi@maltadiocese.org**. *Min diġa bagħat id-dettalji m'għandux għalfejn jerġa' jibgħat, u għandu jistenna li jsir kuntatt miegħu min-naħa tal-uffiċċju parrokkjali.*
   - **Dwar id-Dati tal-Ewwel Tqrbina u l-Griżma:**
     Nitlob lil dawk il-ġenituri / kustodi li għandhom uliedhom għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof biex jattendu għal-**laqgħa li ser issir apposta għalihom fil-Knisja Parrokkjali**, kif indikat f'avviż li ntbgħatilhom b'email:-
     - Il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2020 @ 7:30pm - Laqgħa dwar l-Ewwel Tqarbina;
     - It-Tnejn 22 ta' Ġunju 2020 @ 7:30pm - Laqgħa dwar il-Griżma tal-Isqof.

5. Mill-lum (Ħadd 14/06) sal-Ħadd li ġej (21/06) qed jiġu ppublikati fuq in-Notice board tal-Knisja t-tnedijiet tad-Djaknu mill-Parroċċa tagħna, Rev. Tony Pace li jsejjħu lilna lkoll biex jekk nafu b'xi raġuni ta' impediment jew irregolarità li bihom m'għandux jingħata l-Ordinazzjoni tinfurmaw lill-Kappillan jew il-Kurja. L-Ordinazzjoni Presbiterali ser ssir it-Tnejn 29/06, Solennità ta' San Pietru u San Pawl (l-Imnarja) fis-6:30pm f'Quddiesa apposta fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Insegwu lkoll ix-xandira diretta fuq TVM2.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 100 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
     fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.